MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1668/1995/1

**Margaret Gauci**

**vs**

**Pierre Caruana**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta` Margaret Gauci li permezz taghha wara li ppremettiet illi:

Il-konvenut ghandu fond kontigwu ghal dak tal-attrici, taht indikat.

Il-konvenut bena hajt fuq il-parti divisorja u partijiet ohra b`mod li parti min dan il-hajt waqa u l-materjal waqa fuq il-fond ta` l-attrici.

Il-konvenut ikkaguna hsarat ghad-dannu tal-attrici, fil-bejt u partijiet ohra tal-fond taghha numru erba` (4) Safsafa Road, Wardija.

Ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsarat minnu kagionati fil-fond tal-attrici, anke permezz ta` ittra ufficjali izda l-konvenut xorta wahda baqa` inadempjenti.

Talbet lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tiddikjarah responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attrici fil-fond taghha numru erba` (4) fi Triq Safsafa, Wardija, u,

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fil-fuq imsemmi fond taghha u dana okkorendo ta` periti nominandi, u

3. tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta` danni sofferti minnha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali ta` 1994 u tal-4 ta` April, 1995 kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenut Pierre Caruana li permezz taghha eccepixxa illi.

1. Il-hsarat allegatament sofferti mill-attrici graw bhala konsegwenza ta` “force majeure” u ghalhekk il-konvenut mhux responsabbli ghall-hsarat in kwistjoni.

Ghaldaqstant it-talbiet kollha ta` l-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-Arkitett David Pace.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Il-fatti f`din il-kawza huma semplici u ma jidhirx li huma b`xi mod kontroversjali. Il-konvenut bena hajt fuq proprjeta` tieghu f`livell oghla mill-proprjeta` tal-attrici. Dan il-hajt waqa` waqt maltempata u giet konsegwentement kawzata hsara fis-saqaf tal-fond tal-attrici li ghalhekk kellu addirittura jinbidel.

Il-konvenut jeccepixxi *“force majeure”*.

L-ewwel konsiderazzjoni li taghmel din il-Qorti hija li turi d-dispjacir taghha li waslet biex taghti sentenza f`kawza li twalet ghal erbatax-il sena meta l-partijiet kienu tant vicin ghal ftehim u dan jirrizulta mill-atti tal-istess kawza. L-intransigenza murija hija deplorevoli. Ta` min jonnota li d-dritt tal-perizja teknika biss joqrob lejn l-ammont tad-danni li qed tirreklama l-attrici.

Ghalkemm il-perit tekniku ma kellux okkazzjoni jezamina s-saqaf qabel ma` dan gie mibdul, huwa jsostni li mix-xhieda prodotti anki mill-istess konvenut il-hsara kienet tali li ma setghetx tigi rrangata hlief bil-bdil tal-istess saqaf (paragrafu 10 tar-relazzjoni peritali).

Din il-Qorti, madanakollu trid tikkonsidra l-eccezzjoni mressqa u cioe` dik ta` *“force majeure”.* M`huwiex kontestat li l-hsara grat wara maltempata u bi prova ta` dan gew prodotti kemm dokumenti meterjorologici kif ukoll rapport minn gazzetta lokali li jitkellmu dwar l-istess maltempata.

Il-Qorti tal-Appell ricentement kellha okkazzjoni tikkonsidra l-eccezzjoni ta` *“force majeure”* fil-kuntest ta` maltempata fil-kawza: Mizzi vs Paris et (27 ta` Marzu, 2009).

Il-Qorti tal-Appell f`dik is-sentenza esprimiet ruhha b`dan il-mod:

“Skond il-Ligi, l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16, *kull hsara li tigri b`accident jew b`forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta` disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi*

*fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.* F`kazijiet bhal dawn min jallega li dak li gara kien dovut minhabba forza magguri, jew *casus* ghandu l-obbligu li jippruvah u dana sal-grad ta` probabilita`.

Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-*"forza magguri"* hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri l-*"kaz fortuwitu"* huwa dak meta avveniment ma setax ikun prevedut minn persuna ta` ordinarja diligenza. Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Ghalhekk skond il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili, b`mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias.* Din il-prevedibilita` trid tkun ta` probabilitajiet ragionevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili. (Ara Vol. XXIV p.l.p. 172; Vol. p.l.p. 74; Vol. XLVIII p.l.p. 258)".

L-eccezzjoni ta` *force majeure* tirnexxi biss f`kundizzjoni ta` inevitabbilita`.

Hija din il-kundizzjoni l-inevitabbilita` li fuqha tincampa l-eccezzjoni tal-konvenut odjern.

Il-perit tekniku kkonstata li, kuntrarjament ghal dan li allega l-konvenut, il-hajt ma kienx rinfurzat bil-vireg u bil-konkos. Skond il-perit tekniku din is-sitwazzjoni ikkontribwixxiet ghad-djughfija tal-hajt (para. 8 tar-relazzjoni).

Fil-fehma ta` din il-Qorti dan il-fattur igieghel wiehed jiskarta t-tezi tal-inevitabbilita` u konsegwentement l-eccezzjoni ta` *"force majeure".*

Ghal dak li, ghalhekk jirrigwarda danni, l-attrici qed tippretendi l-ammont ta` sitt mija u ghoxrin lira (Lm 620), liema ammont hija hallset biex issewwi s-saqaf. L-attrici gabet prova sodisfacenti ta` dawn l-ispejjez u l-istess perit

tekniku ikkonstata li dak li hallset l-attrici ghat-tiswija m`huwa bl-ebda mod esagerat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa` l-ewwel talba tal-attrici, tilqa` t-tieni talba u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta` €1,444.21 ekwivalenti ghal sitt mija u ghoxrin lira (Lm 620).

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut hlief ghal ghaxra fil-mija (10%) minnhom li ghandhom jithallsu mill-istess attrici u dan in vista tac-cirkostanzi ta` intransigenza kbira li ntweriet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------